MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2008

Numru 1059/2005

**Il-Pulizija**
**(Sp. Pierre Grech)**

**v**

**omissis**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi omissis li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fit-22 ta' Ottubru, 2005 u matul is-sena qabel din id-data b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istss dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew mghamula b'rizoluzjoni wahda:

(a) Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika

medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) f’Malta, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta’l-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta‘ Malta u r-Regolamenti dwa il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, jew ippromova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assocjazzjoni.
(b) Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, jbiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Superintendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta‘ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.
(c) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-Dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta‘ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicini nstabet f’tali cirkostanzi li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
(d) Kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta‘ Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta‘ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta‘ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita‘ moghtija mill-President ta‘ Malta li tforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligjiet ta‘ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Rat li l-akkuzat wiegeb li kien hati ta’ l-akkuzi b, c u d kif migjuba kontra tieghu.

Rat li ghalhekk gie ordnat, in vista tal-ammissjoni pre sentencing report, liema rapport gie fil-fatt redatt mill-probation officer John Testa.

Rat ukoll il-kontrordni ta’ l-Avukat Generali ai termini tal-Kapitlu 31 u 101 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Ikkonsidrat

Illi l-fatti fil-qosor ta’ din il-kawza kif deposti mill-Ufficjal tal-Pulizija nvoluti f’din l-investigazzjoni huma li omissis gie maqbud b’ammont ta’ ecstasy fil-pussess tieghu – ghen ukoll sussegwentement li l-Pulizija jaslu ghal terza persuna li minghandha kien se jixtri aktar ecstasy – fil-fatt ippartecipa f’controlled delivery. Omissis anke u sahansitra ikkonferma l-istatement minnu rilaxxat quddiem il-Magistrat Inkwirenti.

Kif jirrizulta mir-relazzjoni ta’ l-Ispizjar Mario Mifsud Dok MM (folio 83) il-pilloli misjuba fuq omissis huma kkontrollati bil-ligi taht it-Tielet Skeda Part A tal-Kapitlu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ikkonsidrat

Illi certament mir-relazzoni tal-Probation Officer John Testa jidher u jirrizulta illi omissis ghamel progressi kbar u pozittivi fil-konfront tal-problema li kellu fil-konfront ta’ l-abbuz tad-droga. L-istess Ufficjal tal-Probation baqgha anke fil-mori tal-kawza jaghti l-progressi maghmula minn omissis, li dejjem kienu pozittivi.

Rat ukoll il-verbal tal-Prosekuzzjoni fejn gie dikjara illi omissis tant ikkopera mal-Pulizija li ghandu jibbenefika b’mod totali mill-provedimenti tal-artikolu 29 tal-kapitlu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta (folio 136).

Kif gia gie premess, omissis gia ammetta t-tieni, t-tielet u r-raba' akkuzi kif dedotti kontra tieghu. Ghalhekk din il-Qorti jibqalghha li tezamina jekk il-Prosekuzzjoni waslitx mill-provi prodotti li tipprova l-ewwel akkuza ta' assocjazzjoni.

Illi mil-fatti kif esposti mill-Ufficjali tal-Pulizija ma jidhirx li omissis xi 'common design' ma' terz li jwassal ghal assocjazzjoni, lanqas ma jirrizulta dan mill-istqarrija ta' l-istess omissis li huwa kellu dan l-intenzjoni ta' assocjazzjoni ma' omissis nonosante li verament kellu l-intenzjoni li jixtri minghandu. L-assocjazzjoni fiha nnifisha timplika intenzjoni oltre s-semplici bejgh, timplika ftehim aktar profond. Ghaldaqstant tant din il-Qorti thoss li l-ewwel akkuza fil-konfront ta' omissis ma gietx pruvata.

Dwar il-piena, ikkonsidrat, il-fedina penali ta' l-akkuzat li hija ghal kollox netta – l-ammissjoni bikrija tieghu ma' l-istadju ta' l-interrogatorju, il-fatt li huwa ghen u tant ikkopera mal-Pulizija, il-progress li huwa ghamel fil-problema tieghu kif jirrizulta mix-xhieda ta' l-Ufficjal tal-Probation. Ghaldaqstant rat l-artikolii 120A Kap 31 A/L 22 1985, Kap 101 (GN 292/1939), 29 Kap 101, 17 tal-kapitlu 9, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' hames (5) xhur u multa ta' erba' mitt lira Maltija ekwivalenti ghal disa' mija wiehed u tletin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€931.75) pagabbli b'rati mensili ta' mitt lira Maltija ekwivalenti ghal mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94). B'dan illi jekk jonoqs milli jhallas rata mensili wahda, il-bilanc ikun dovut kollu immedjatemant u n-nuqqas ta' tali hlas ifisser li l-bilanc jigi konvertit f'piena karcerarja msarrfa Lm 5 ekwivalenti ghal €11.65 kuljum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------